**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 21 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Citaz. Nru. 382/1990 JZM**

**John u Emanuel ahwa Debattista**

***kontra***

**Josephine Debattista u Carmen mart Manuel Sammut bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Innag Household Limited**

***u***

**l-istess Josephine Debattista, Carmen mart Manwel Sammut, Anthony Debattista u Anthony Mallia bhala shareholders fl-istess socjeta`**

***kif ukoll***

**Manwel Sammut bhala kap tal-komunjoni tal-akkwist bejnu u martu Carmen u amministratur tal-beni parafernali**

**Dan huwa provvediment fil-miftuh dwar rikors li pprezentaw Josephine Debattista u Carmen Sammut fl-20 ta` Frar 2020.**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors.

Ghar-ragunijiet indikati, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu sabiex din il-qorti *tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tar-raba` talbiet tac-citazzjoni, occorrendo taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq.*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta` Frar 2020.

Rat ir-risposti li kienu prezentati.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2020 fejn *inter alia* r-rikors thalla ghal-lum ghal provvediment fil-miftuh.

## II. <u>L-iter ta` l-kawza : Citaz. Nru. 382/1990</u>

### a) <u>Il-Qorti tal-Kummerc</u>

Il-kawza fl-ismijiet premessi kienet prezentata fit-30 ta` Marzu 1990 fil-**<u>Qorti tal-Kummerc</u>**.

Ma tressqet l-ebda eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-qorti.

**b)** **It-talbiet**

L-atturi ressqu hames talbiet.

Il-qorti kienet mitluba **testwalment** :

*1. xxolji il-kumpanija Innag Household Limited minhabba li fil-fehma tal-Qorti jezistu ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment a tenur tal-Art 150(g) tal-Kap 168.*

*2. tahtar stralcjarju sabiex jillikwida l-assi tas-socjeta` b`dawk il-poteri, dmirijiet u kumpens li l-Qorti jidhrilha xieraq fil-kaz.*

*3. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li nkorriet is-socjeta` minhabba l-agir taghhom fuq imsemmi.*

*4. tillikwida t-telf imsemmi fit-tielet talba kif ukoll tillikwida kull somma ohra li l-konvenuti in solidum jew min minnhom ghandu jrodd lill-assi tas-socjeta` rappresentanti l-valur ta` flus u/jew oggetti minnu debitament mehudha.*

*5. tordna lir-registratur tas-socjetajiet sabiex jirregistra x-xoljiment tal-imsemmi socjeta` u l-konsegwenzjali hatra taht dawk il-provvedimenti opportuni.*

**c)** **L-Att XXIV tal-1995**

Bis-sahha ta` dan l-Att kien emendat l-Kap 12.

L-Art 3 tal-Kap 12 kien sostitwit b`disposizzjoni gdida, fejn l-effett dirett taghha kien illi l-Qorti tal-Kummerc tnehhiet bhala qorti. Il-kompetenzi li kellha dik il-qorti kienu *ope legis* trasferiti lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

**d)** **<u>Is-sentenza tal-10 ta` Lulju 1998 (fol 608 sa 610)</u>**

Fl-10 ta` Lulju 1998, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat sentenza fejn *inter alia* nghad hekk :-

*Din is-sentenza tal-lum,* ***<u>bi qbil bejn il-partijiet</u>****,* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *hija dwar l-ewwel zewg talbiet.*

*Fis-seduta ta` l-24 ta` Frar 1998 kien verbalizzat dan il-ftehim :*

*"Il-konvenuti kollha prezenti fl-awla jew rapprezentati mill-avukati taghhom jaderixu ma` l-ewwel talba ta` l-atturi ghax-xoljiment tal-kumpannija u mat-tieni talba ghall-hatra ta` stralcjarju, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohrajn, b`dan illi fil-konsistenza ta` l-assi jitqiesu wkoll bhala merkanzija konsistenti fi kristall u hwejjeg ohra li kiuenu esebiti fl-atti tal-proceduri kriminali kontra l-atturi. Il-partijiet jaqblu illi tista` tinhatar id-ditta ta` awdituri Falzon & Falzon (John u Godwin Falzon)."*

*Il-qorti sejra ghalhekk illum taghti din is-sentenza* ***<u>biex ikun jista` jsehh il-qbil li sar bejn il-partijiet</u>*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *u tiddisponi mill-ewwel zewg talbiet hekk :*

*1. tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` Innag Household Limited billi hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw dan.*

*2. tahtar lil John Falzon u lil Godwin Falzon flimkien bhala stralcjarji bid-dmirijiet u setghat that l-art. 235, u 237 sa 242 ta` l-Att ta` l-1995 dwar il-Kumpanniji.*

*3. tawtorizza lill-istess stralcjarji sabiex, perjodikament, jissottomettu ghall-approvazzjoni tal-qorti il-kontijiet tad-drittijiet professjonali taghhom.*

*4. tordna li tintbaghat lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ta` din is-sentenza kif irid l-art. 224 ta` l-Att ta` l-1995 dwar il-Kumpanniji.*

***__Dwar l-ispejjez taqta` fis-sentenza finali.__*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

**Huwa mill-aktar evidenti li t-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet attrici baqghu mhux decizi.**

**e) __L-istralc__**

**Wara din is-sentenza, beda l-istralc, li ghadu sal-lum mhux konkluz.**

**f) __Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc)__**

B`effett ta`l-Art 21(b)(iii) tal-Att I tal-2018, l-istralc ta` Innag Household Limited sar kompetenza ta` din il-qorti.

Bl-Att I tal-2018 kien emendat ukoll l-Avviz Legali 396 tal-2003 li huwa l-Ordni dwar it-Twaqqif ta` Sezzjonijiet tal-Qrati Civili.

In segwitu saret emenda ulterjuri bl-Att XVI tal-2019.

Id-disposizzjoni **__rilevanti__** ghal dan il-provvediment **hija l-__Art 5A tal-Avviz Legali 396 tal-2003__** (kif emendat) li jaqra :

*Ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) rikorsi li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili* ***u __li huma relatati ma` materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji__*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament maghmul tahtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament maghmul tahtu, u l-Att dwar l-Awtorita` ta` Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

**III. __Konsiderazzjonijiet__**

**L-essenza ta` dak li jridu jaslu ghalih ir-rikorrenti bir-rikors taghhom hija l-inkompetenza u/jew gurisdizzjoni ta` din il-qorti li taghti decizjoni dwar it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet attrici fil-kawza fuq riferita.**

**Din il-qorti tirrimarka li meta l-Qorti tal-Kummerc tat id-decizjoni taghha fuq riferita snin ilu, abbazi ta` ftehim li kien milhuq bejn il-partijiet kollha, thallew impregudikati ghall-gudizzju tal-istess Qorti tal-Kummerc mhux biss it-tielet u r-raba` talbiet attrici, izda anke l-kap tal-ispejjez tal-kawza.**

**Il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghar-riservi procedurali espressi minn John Debattista fir-risposta tieghu tal-24 ta` Gunju 2020 dwar il-mod kif ir-rikorrenti gabu 'l quddiem l-ilment taghhom, proprju ghaliex ladarba qeghda tinsorgi kwistjoni ta` kompetenza u/jew gurisdizzjoni tal-qorti, il-materja tassumi rilevanza ta` ordni pubbliku.**

**Wara li hadet qies ta` kollox, il-qorti tghid illi d-decizjoni dwar it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet tac-citazzjoni tispetta materjalment u sostanzjalment lilha biss kif daqstant iehor jispetta lilha biss kull decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.**

**Tistqarr illi *in limine litis* it-talbiet attrici kienu ntizi, minghajr oggezzjoni da parti tal-konvenuti, li jkunu decizi minn qorti li *ex lege* kienet destinata li tkun hi ad eskluzjoni ta` qrati ohra li taghti decizjoni.**

**Illum kull decizjoni dwar kull kwistjoni li tirrigwarda *materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji* tispetta *ope legis* lil din il-qorti.**

**Din il-qorti m`ghandhiex dubju li decizjoni dwar it-tielet u r-raba` talbiet attrici kif ukoll dwar il-kap tal-ispejjez (din tal-ahhar proprju ghaliex hija accessorja) ma tispetta lil hadd hlief lilha.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti Josephine Debattista u Carmen Sammut kif dedotta fir-rikors taghhom tal-20 ta` Frar 2020, spejjez ghall-istess rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**